**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Dicembru 2019**

**Talba Nru: 31/19 CZ**

**Melita Unipol Insurance Agency (C 22256)**

**vs.**

**Mark Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Frar 2019 li biha premettiet:

1. Illi s-soċjetà attriċi rendiet servizzi tal-assigurazzjoni lill-intimat fis-snin 2015 u 2016, kif joħroġ ċar mill-kopja tal-istatement annessa u mmarkata bħala **Dok. MUIA1**;
2. Illi l-intimat naqas milli jħallas l-ammonti dovuti għal dawn is-servizzi reżi mis-soċjetà rikkorrenti;
3. Illi l-ammont dovut f'dan l-istatment (**Dok. MUIA1**) huwa ta' elfejn, mija, disgħa u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€2,149.73);

4. Illi nonostante diversi talbiet da parti tas-soċjetà attriċi lill-intimat sabiex dawn iħallas dan l-ammont, kif joħroġ mill-kopji tal-ittri bonarji mibgħut lilu fl-24 ta' Frar 2017 u fit-30 ta' Ottubru 2018 annessi u mmarkati bħala **Dok MUIA2** u **Dok. MUIA3** rispettivament, il-konvenuti baqa' inadempjenti u baqa' sal-lum jirrifjuta li jħallas dan l-ammont;
5. Illi l-intransiġenza fil-ħlas minn naħa tal-intimat wassal lis-soċjetà rikorrenti sabiex tintavola l-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, r-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lill-intimat debitur fl-ammont ta' elfejn, mija, disgħa u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€2,149.73) rappreżentanti l-prezz ta' servizzi tal-assigurazzjoni reżi lill-intimat u li għadu dovut minkejja diversi interpellanzi;
2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' elfejn, mija, disgħa u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€2,149.73), jew somma oħra verjuri rappreżentanti l-bilanċ dovut oltre imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontentestwalment u tal-imgħaxijiet legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunti għas-subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra illi l-konvenut, debitament notifikat, ma prezenta l-ebda risposta, u ghalhekk ghandu jitqies fi stat ta' kontumacja.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Novembru 2019 li permezz taghha naqqset l-ammont mitlub minnha ghal dak ta' disa' mija u disgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€999.73).

Ra illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019, is-socjeta' attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduci; u fl-istess seduta t-Tribunal ta lill-konvenut sal-20 ta' Novembru 2019 sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet bil-miktub tieghu.

Ra illi l-konvenut ma pprezenta l-ebda sottomissjonijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Andrew Pizzuto[1], Claims Manager mas-socjeta' attrici li qal li l-konvenut kien hareg diversi poloz ta' assigurazzjoni mas-socjeta' attrici li gew esebiti t-talbiet ghall-hlas li ghamlet is-socjeta' attrici relattivi ghalihom, kif ukoll esebixxa rendikont li fih jigbor il-hlasijiet kollha li kellu jhallas il-konvenut.

It-Tribunal innota d-dokumentazzjoni esebita minn dan ix-xhud, datata fi zminjiet diversi, skond id-dati tal-hrug tal-poloz rispettivi, u huwa sodisfatt illi din id-dokumentazzjoni, flimkien max-xiehda moghtija mix-xhud Andrew Pizzuto, tipprova sodisfacentement it-talbiet tas-socjeta' attrici. It-Tribunal innota wkoll illi matul il-kors tal-kawza l-ammont mitlub gie mnaqqas u s-socjeta' attrici indikat li dan sar minhabba li l-konvenut ghamel xi hlasijiet. It-Tribunal innota wkoll illi l-konvenut ma kkontesta l-ebda mill-kontijiet imressqa mis-socjeta' attrici u lanqas wiegeb

[1] Seduta tas-7 ta' Novembru 2019

ghall-kawza odjerna.  It-Tribunal ghalhekk jirrizulta li t-talbiet tas-socjeta' attrici, kif imnaqqsa, jisthoqq li jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€999.73), bl-imghax mid-data ta' kull invoice esebita sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk ta' kull mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur